# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, 25 ta' April, 2018

**Rik. Nru. 574/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 574/18 fl-ismijiet:

Anthony **MONTEBELLO**

vs

**L-AWTORITA` TAT-TURIŻMU TA' MALTA**, il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kummissarju tal-Pulizija

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' April, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti żżomm lill-intimati milli "bi kwalunkwe mod li jkun taħarqu jew tippermettu lil terzi jaħarqu kwalunkwe xogħlijiet tan-nar, ikunu ta' liema xorta jkunu, waqt l-avveniment magħruf bħala '*Malta Fireworks Festival 2018*' li huwa skedat li jsir ġewwa Marsaxlokk nhar is-27 ta' April, 2018, minn għalqa jew għelieqi li jinstabu qrib ħafna tar-residenza ta' l-

esponenti li tinstab ġewwa l-'*farmhouse*' magħrufa bħal "*Tal-Ballut*", Triq Delimara, Marsaxlokk";

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2018[1], li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tad-19 ta' April, 2018;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2018[2], li bih u fuq talba magħmula b'rikors tar-rikorrent ta' dakinhar, ordnat il-ħatra tal-Perit Arkitett Godwin Abela biex jagħmel kostatazzjonijiet tekniċi dwar kejl u bogħod marbuta mat-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta u l-Ministeru għat-Turiżmu fis-16 ta' April, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra, laqgħu għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat billi qalu li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-istess Mandat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fis-16 ta' April, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għat-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat billi, fil-qofol, qal li t-talba mhijiex mistħoqqa għaliex ma hemmx ir-raġunijiet maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-Awtorita` intimata għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kap 12 waqt is-smigħ tad-19 ta' April, 2018;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2018, li bih ħassret '*contrario imperio*' d-degriet tal-11 ta' April, 2018, safejn kienet ħatret lill-Perit Arkitett Godwin Abela, billi ma deherx li sa dakinhar kien wettaq il-ħatra mogħtija lilu;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-intimati;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 3 tal-atti
[2] Paġ. 15 tal-atti

Illi r-rikorrent irid iżomm lill-intimati, jew lil min minnhom, milli nhar il-Ġimgħa, 27 ta' April, 2018, jippermettu li jinħaraq nar tal-ajru minn sit li jinsab fil-kuntrada "tal-Ballut" f'Marsaxlokk, u qrib ġid tiegħu[3], fl-okkażjoni ta' festival tan-nar magħruf bħala "Malta Fireworks Festival" li jitnieda kull sena f'inħawi mifruxa ma' Malta u Għawdex, fosthom Marsaxlokk;

Tqis li r-rikorrent jgħid li s-sit mnejn ser jingħata n-nar jiġi qrib ħafna tal-bini tiegħu u jesponi lilu u lil ġidu għall-possibilita' ta' ħsara f'każ li jinfirex in-nar fl-art hu u jinħaraq in-nar tal-ajru;

Tqis li r-rikorrent jgħid li l-ħruq tan-nar mis-sit imsemmi se jsir bi ksur tal-liġi[4] billi se jingħata bla ma jitħarsu d-distanzi stabbiliti kemm f'dak li jirrigwarda bini abitat u kif ukoll f'dak li jirrigwarda toroq fl-imkien;

Tqis li r-rikorrent għandu fl-inħawi art oħra tiegħu li offra li jsir minnha l-ħruq tan-nar, imma din l-art tinsab qrib bini fejn joqogħdu n-nies[5];

Tqis li l-Awtorita` intimata ħejjiet l-aspetti tal-ispettaklu sa minn żmien sewwa qabel il-jum iffissat[6] u ngħatat l-awtoriżżazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti[7] biex in-nar jista' jinħaraq u jifdal il-ħruġ ta' avviżi fil-Gażżetta tal-Gvern, marbuta ma' avviżi lill-pubbliku dwar aċċess fl-inħawi u għeluq ta' toroq;

Tqis li l-festival jinvolvi s-sehem ta' parteċipanti minn barra minn Malta li diġa` ġabu f'Malta n-nar li se' jaħarqu u li jinsab maħżun biex jinġarr għas-sit mnejn hu maħsub li se' jinħaraq[8];

Tqis li huwa maħsub li l-ħruq tan-nar dakinhar li jmissu jsir il-Festival f'Marsaxlokk mistenni jdum bejn id-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21.30) u l-ħdax ta' billejl (23.00);

Tqis li r-rikorrent kien ressaq talba bħal dik tal-lum f'April tal-2015, liema talba ma ntlaqgħetx[9];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat[10];

---

[3] Ara Dok "A" u "DM1", f'paġġ. 10 u 70 tal-atti
[4] Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra (A.L. 249 tal-1998, L.S. 33.03)
[5] Xhieda tal-Ispettur Melvin Camilleri f'paġ. 79 tal-atti
[6] *Ibid.*f'paġġ. 76 – 8 tal-atti
[7] *Ibid.* f'paġ. 84 tal-atti
[8] Xhieda ta' Roderick Żammit f'paġġ. 92 – 3 tal-atti
[9] Dok "MTA1", f'paġġ. 28 sa 38 tal-atti
[10] Art. 873(1) tal-Kap 12

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[12];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[14] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[12] Art. 875(3) tal-Kap 12
[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[14] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis ukoll li, f’dan ir-rigward, il-liġi llum m’għadhiex titkellem dwar preġudizzju “li ma jkunx jista’ jiġi rimedjat” bħala l-bażi tal-ilqugħ ta’ talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis għal dak li jirrigwarda l-jedd mad-daqqa t’għajn li r-rikorrenti jqis li għandu, jidher li dan jinbena fuq il-biżgħa tiegħu li tista’ ssir ħsara lill-post tiegħu bi ħruq li jinfirex mal-għoti tan-nar u kif ukoll mill-biżgħa li jista’ jkorri huwa nnifsu li kieku jaqa’ xi nar fuq il-post fejn ikun jew jinfirxu nirien bl-istess mod;

Tqis li r-rikorrent jgħid li l-jedd mad-daqqa t’għajn jikkonsisti fil-fatt li s-sit mnejn huwa maħsub li jinħaraq in-nar huwa qrib ħafna l-post tiegħu u eqreb għat-triq pubblika, Triq Delimara, b’mod li jiksru d-distanzi msemmija fil-liġi;

Tqis li dwar l-ewwel kawżali, ma hemmx dubju li l-interess għall-ħarsien tal-ġid minn ħsarat jew għall-ħarsien tal-inkolumita` personali huma jeddijiet li, mad-daqqa t’għajn, jitolbu ħarsien. Tqis ukoll li l-ħruq ta’ nar huwa, minnu nnifsu, attivita` mhix nieqsa minn periklu. Madankollu, mhux kull għemil li jista’ jkun fih periklu jwassal għal dak l-għamla ta’ jedd ‘*prima facie*’ li jimponi l-ħruġ ta’ Mandat kawtelatorju bħal dak li r-rikorrent qiegħed jitlob bil-proċedura tiegħu tal-lum;

Tqis li dwar it-tieni kawżali, ma jidhirx li, mad-daqqa t’għajn, ir-rikorrent għandu raġun. Kif sewwa jgħidu l-intimati, il-liġi għandha tifsira speċifika ta’ x’jikkostitwixxi l-“abitat” u minn dik it-tifsira joħroġ ċar li l-post tar-rikorrent ma jistax jitqies li jaqa’ taħt tifsira bħal dik mogħtija fil-liġi;

Tqis li, għar-rigward tal-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta’ Mandat bħal, din tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, mqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[15], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista’ titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[16];

---

[15] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[16] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***

Tqis li fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent, il-ħsara li huwa jgħid li sejjer iġarrab u li jrid li titneħħa mhuwiex minnu nnifsu ħsara irriversibbli li titlob ħarsien b'mezzi straordinarji bħalma huwa l-ħruġ tal-Mandat mitlub[17];

Tqis li, għalkemm tista' tapprezza l-qagħda ta' min jixtieq li jkollu u jgawdi l-kwiet ta' daru, il-provi tal-molestja effettivament imwettqa u taż-żamma tal-bonviċinat ma tistax tagħmel parti minn proċedura bħal din, l-aktar meta ż-żewġ naħat jikkontestaw l-allegazzjonijiet ta' xulxin;

Tqis, f'kull każ, li għar-rikorrent hemm disponibbli bil-liġi rimedji xierqa biex dak li jilmenta minnu jista' jkun mistħarreġ u inforzat bi tħaris ta' kull jedd li jista' jkollu[18];

Tqis ukoll li ladarba jeżistu tali rimedji, ma jkunx jista' jingħad li l-ħsara mġarrba minħabba l-ksur tal-jedd issir irriversibbli b'mod li tabilfors irid jinħareġ il-Mandat mitlub. Kif ingħad f'dan ir-rigward, il-Qorti trid tħares lejn il-finalita` tar-rimedju mitlub u mhux biss lejn il-jedd vantat[19];

Tqis ukoll li, mill-kejl tal-element tal-isproporzjon, joħroġ ċar li l-iskomdu u r-riskju li r-rikorrent se' jkun iġarrab waqt il-ħruq tan-nar jekk kemm-il darba t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax huwa bil-wisq anqas mill-ħsara li ġġarrab l-Awtorita` intimata jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tiegħu. Huwa minnu li ħdejn is-saħħa ta' persuna kull kunsiderazzjoni ta' nfiq u promozzjoni turistika tieħu post sekondarju, imma minn dak li ħareġ mill-atti, l-attivita` hija maħsuba li ddum ħin limitat u ttieħdu diġa` l-prekawzjonijiet kollha mistennija u meħtieġa għall-agħar li jista' jinqala'. L-effetti li jistgħu jiġru li kieku xi nar jaqa' u jaħraq imkien qrib il-post tar-rikorrent diġa` ttieħdu miżuri dwarhom biex jingħata rimedju f'waqtu u effettiv; imma l-effetti għall-parti l-oħra li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub ikunu bil-wisq agħar;

Tqis għalhekk li r-rikorrent ma weriex li jeżistu ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub billi ma ntweriex li jeżistu l-elementi kollha li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu;

---

[17] P.A. JZM **30.1.2017** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Airmode Limited vs Malta International Airport p.l.c. et***
[18] P.A. MCH **24.6.2011** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Perla Hotels Ltd vs Native Limited et***
[19] P.A. MCH **30.9.2010**fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Thomas West et vs Charles Spiteri***

**Tħassar '*contrario imperio*'** d-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, il-25 ta' April, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**